# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

*Maġistrat*

*dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Il-Pulizija**

**(Spettur Kylie Borg)**

**vs**

**Anna Ciappara**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputatazzjonijiet fil-konfront ta' **Anna Ciappara**, numru tal-Karta tal-identita' 13359M fejn ġiet mixlija talli nhar it-12 ta' Mejju 2014 għall-ħabta tas-19:30, fi Triq l-Imdina, Ħal-Qormi:

**(a)** Waqt li kienet qed issuq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni BAD 032 b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tagħha jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti, ħabtet ma vettura bl-għamla KIA Ceed bin-numru tar-reġistrazzjoni BCC 376 u involontarjament ikkaġunat ħsara għad-dannu ta' Simon Zammit.

**(b)** Waqt li kienet qed issuq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni BAD 032 b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-

arti jew professjoni tagħha jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti involontarjament ikkaġunat ġrieħi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Maria Vella skont kif iċċertifika t-tabib Mark Philip Cassar mill-isptar Mater Dei u dan bi ksur tal-Artiklu 226(1)(a)(c) tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll offiżi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Khalida Inayat Masih kif iċċertifika Dr. Andrea Mercieca mill-Isptar Mater Dei;

(c) U aktar talli fl-istess data, ħin, post u ċirkostanza, saqet vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni BAD 062 b'manjiera perikoluża, traskurata u bla kont.

Rat li matul is-seduta tad-19 ta' Jannar 2015 l-Uffiċjal Prosekutur ikkonfermat l-imputazzjonijiet bil-ġurament u matul il-kors tal-eżami tal-imputat skont l-Artikoli 392 u 370(4) tal-Kodiċi Kriminali l-istess imputata wieġbet li ma kellhiex oġġezzjoni li l-każ jigi trattat bi proċedura sommarja;

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali a fol 7 li permezz tiegħu iddikjara li kien qiegħed jagħti l-kunsens tiegħu sabiex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja;

Rat li matul l-istess eżami tal-imputata ai termini tal-Artikolu 392(1) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputata, debitament assistita mill-Avukat Gianluca

Caruana Curran tenniet li ma kienetx ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontriha.

Rat id-dokumenti prodotti,

Rat u semgħet il-provi imresqin mill-Prosekuzzjoni;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

***<u>Ikkunsidrat : -</u>***

Illi l-Qorti ftit għandha provi dwar id-dinamika eżatta tal-inċident. Iż-żewġt xhieda li kienu rekbin mal-imputat fil-karozza ma jagħtux stampa ċara ta' dak li seħħ. Hekk per eżempju l-vitma prinċipali, Maria Vella li kienet riekba fuq wara tal-karozza ma tiftakarx kif seħħ l-inċident għajr ħlief li hija tiftakar li kien hemm "daqqa u break". Imbagħad tkompli tixhed dwar il-konsegwenzi ta' dan l-impatt fuq saħħitha u l-interventi kiruġiċi u mediċi li għamlet. Dix-xhud tgħid li ma kienetx liebsa seat belt fil-mument tal-inċident u dan għaliex skond hi il-karozza misjuqa mill-imputat ma kellhiex seat belt fuq wara.

Ix-xhud Khalida Inavat Masih tixhed li l-imputata kienet qegħda ssuq "very slowly because after one minute she had to drop me". Skond din ix-xhud, l-inċident seħħ "because of fast sunshine, she can't see

anything". Hi tgħid ukoll li "because even me I didn't see anything". Biss hija żżid li hi ma kienet rat xejn kif ser l-inċident. In definittiva din ix-xhud għażlet ukoll li taħfer lill-imputata. Din ix-xhud tgħid li l-imputata kienet diversi drabi ħadet rikbiet mal-imputata u din kienet sewwieqa li "she drive very carefully and slowly...she always drive very slowly because I am afraid. I am living very far from my family but she drives very slowly, not very fast".

Xhud okulari ieħor li ta l-verżjoni tiegħu dwar kif seħħ dan l-inċident huwa Simon Zammit, is-sid tal-vettura li fiha l-vettura misjuqa mill-imputat baqgħet dieħla. Dan ix-xhud jgħid hekk :

> Mela prattikament jiena kont wasalt biex nidħol fil-karozza u rajt vettura tiela' fid-direzzjoni lejn Zebbug u ftit, ftit bdiet taqleb il-lane fejn imbagħad ovvjament irrealizzajt li hija ħa tibqa' dieħla go l-karozza tiegħi...kienet ipparkjata l-karozza...kienet stationary, ħarist 'l isfel biex ovvjament nara jekk hemmx traffik qabel nidħol fil-karozza peress li hija triq traffikuża hemm hekk...u bdiet taqleb il-lane ftit, ftit mill-fast lane għal inner lane sa kemm ovvjament kif spjegajtilkom fil-bidu irrealizzajt li dan ħa jkollha kollizzjoni ma' l-karozza tiegħi...kif spjegajtilkom jiena kont għadni ma rkiptx fil-karozza, l-impatt kien pjuttost qawwi ma nafx il-veloċita' biex naf li l-karozza tiegħi iċċaqalqet maz-zewg metri pressa poco minn wieqfa.

Dax-xhud iżid li huwa kien tħallas mill-insurance u mingħand l-imputata ma xtaq "assolutament" xejn.

Il-verżjoni mogħtija minn dan ix-xhud taqbel mal-verżjoni mogħtija a tempo vergine minnu lill-Pulizja kif jirriżulta mill-NPS eżibit a fol 54.

Sa′ ċertu punt taqbel ukoll ma dik mogħtija mill-imputata lill-Pulizija liema verżjoni ġiet ukoll reġistrata f′dan ir-rapport. L-imputata tgħid li kienet tiela fit-triq lejn in-naħa ta′ Ħaż-Żebbuġ fi Triq l-Imdina fejn ħin minnhom għamietha x-xemx u ma bdietx tara fejn kienet qed issuq u ħin minnhom daħlet ġo vettura li kienet parkeġġjata mal-ġenb tat-triq. Din il-verżjoni tal-imputata pero tinbidel xi ftit tliet xhur wara meta fit-12 t′Awissu 2014 irrilaxxjat stqarrija lill-Ispettur Joseph Agius. Fl-istqarrija tagħha hija tgħid li waqt li kienet tiela fid-direzzjoni ta′ Ħaż-Żebbuġ minn magħha għaddiet eżatt vettura oħra u hija ġibdet ftit l-isteering wheel għax inħasdet. Kien hemmhekk li ġiet mogħmija mix-xemx, ma rat xejn u ħabtet mal-karozza li kienet parkeġġjata fil-ġemb tat-triq.

Din il-verżjoni ġiet ukoll imtennija minnha meta xehdet viva voce quddiem il-Qorti.

***Ikkunsidrat : -***

Il-Qorti tqis li l-verżjoni mogħija mill-imputat mhix sorretta minn provi oħra. Jekk xejn il-verżjoni mogħtija mix-xhud okulari Simon Zammit u l-verżjoni mogħtija minnha stess a tempo vergine fl-ebda mument ma jsemmu li kien hemm xi vettura oħra li b′xi mod għaddiet minn mal-vettura misjuqa mill-imputata.

Il-Qorti temmen din il-verżjoni mogħtija a tempo vergine fis-sens li verament l-imputata kienet qed issuq il-vettura tagħha fuq il-karreġġjata esterna u taqleb għall-karreġġjata interna b'veloċita li ma kienetx waħda għolja ħafna. Kien f'dan il-mument t'attraversament li ġiet abbaljata mix-xemx u tilfet is-sens ta' direzzjoni u baqgħet dieħla fil-vettura parkeġġjata.

Il-Qorti tqis li l-inċident seħħ unikament minħabba nuqqas t'attenzjoni da parti tal-imputata. Jekk l-imputata kienet abbaljata mix-xemx, hija kellha tuża prudenza u diliġenza akbar sabiex tevita s-sinistri. Il-fatt li kienet qed issuq b'veloċita relattivament baxxa hija lodevoli, iżda b'xorti ħażina mhux biżżejjed biex tinnewtralizza r-responsabbilta tagħha għall-akkadut.

Illi in kwantu għall-offiżi sofferti minn Khalida Inavat Masih, dil-Qorti ma taqbilx mal-interpretazzjoni tal-parte civile li dan il-proċediment ma kienx istitwit ex officio mill-Pulizija Eżekuttiva u li r-rinunzja tal-kwerela ġġib l-estinzjoni tal-azzjoni. L-offiżi li jirriżulta li sofriet Masih huma ta' natura ħafifa u għalhekk hu veru li l-proċediment kien jeħtieġ il-kwerela tal-parti offiża li, f'dan il-każ, jidher li kienet qegħda tiġi rtirata mid-diretta interessata.

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża Il-Pulizija vs Oman Galea deċiża mill-Prim Imħallef Silvio Camilleri nhar l-14 ta' Jannar 2011 intqal illi –

> Fil-kaz odjern, izda, ir-reati kollha imputati lill-appellant huma reati ta' serq u ghalhekk huma reati kontra l- proprjeta' u ghalhekk, in kwantu li r-reati saru kontra l- proprjeta' ta' axxendent u in kwantu tali jehtiegu li jkun hemm il-kwerela tal-parti offiza. Ghalkemm l-imputat appellant tressaq arrestat quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja fl-ewwel seduta tat-22 ta' Mejju 2008 (fol. 10) huwa ddikjara li ma jsibx oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u fis-seduta immedjatament wara l-ufficjal prosekutur esibixxa l- kunsens ta' l-Avukat Generali datat 27 ta' Mejju 2008 (Dok. PS a fol. 13 tal-process) sabiex il-kaz kontra l- imputat appellant jigi trattat bi procedura sommarja u minn dakinhar 'Il quddiem hekk gie trattat mill-Qorti tal- Magistrati ta' prim istanza.
>
> Ghalhekk f'dawn il-proceduri qatt ma saret kumpilazzjoni u l-kwerela ma setghatx tigi prezunta ghat-tenur tal- artikolu 390(5) tal-Kodici Kriminali. Anqas jista' jinghad li l- proceduri setghu ittiehdu ex ufficio ghat-tenur tal-proviso tal-artikolu 373 tal-Kodici Kriminali bin-nuqqas ta' rinunzja tal-kwerela fi zmien erbat ijiem ghaliex dak il-proviso kostantement gie ritenut li japplika biss ghal reati ta' kompetenza hekk imsejha 'originali' tal-Qorti tal-Magistrati u cioe' ghal-reati soggetti ghal piena ta' prigunerija ta mhux aktar minn sitt xhur li ma kienx il-kaz tal-imputazzjonijet kontra l-appellant. Ghalhekk kien jehtieg li l-kwerela tigi pruvata mill-prosekuzzjoni u prova tal- kwerela quddiem l-ewwel Qorti ma saritx. Anzi, omm l- imputat quddiem l-ewwel Qorti stqarret li ma xtaqetx tixhed kontra binha l-imputat.

F'dan il-każ ir-reat ipotizzat fil-konfront ta' Khalida Inavat Masih kien jirrikjedi l-kwerela tal-parti leża. Dawn il-proċeduri kienu reżi sommarji kif stabbilit aktar il-fuq u b'hekk kumpilazzjoni ta' provi ma saretx u b'hekk il-kwerela ma setgħetx tiġi meqjusa preżunta skont l-Artikolu 390(5) tal-Kodiċi Kriminali. Iżda r-reat ipotizzat fil-konfront ta' Masih

kien wieħed li l-piena applikabbli għalih kienet tirrendih reat proċedibbli quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti ta' ġudikatura kriminali fil-kompetenza oriġinali tagħha in kwantu l-piena ma kienetx ogħla minn (sitt xhur) illum sentejn priġunerija. Dan ifisser li l-proċediment setgħa jittieħed *ex officio* in bażi għall-proviso tal-Artikolu 373 tal-Kodiċi Kriminali bin-nuqqas tar-rinunzja tal-kwerela fi żmien erbat ijiem. F'dan il-każ għalhekk l-irtirar tal-kwerela sejjer jiġi meħud in konsiderazzjoni minn din il-Qorti għall-fini t'ikkalibrar tal-piena.

Illi kwantu għall-ħsara sofferta minn Simon Zammit, il-Qorti tqis li f'dan il-każ ġew pruvati l-estremi msemmija mill-Artikolu 328(b) tal-Kodiċi Kriminali u għalhekk sejra tapplika d-disposizzjonijiet ta' dan l-Artikolu irrispettivament mill-istqarrija tiegħu li huwa ma kien qiegħed jippretendi assolutament xejn aktar mill-imputata. Din l-istqarrija tiegħu pero ser tittieħed in konsiderazzjoni mill-Qorti fl-ikkalibrar tal-piena.

Biss il-Qorti tqis li kwantu għall-ġrieħi sofferti minn Maria Vella ma tistax ma tirrimarkax li din ma kienetx liebsa s-seat belt u li għalhekk ikkontribwiet mhux daqstant għall-inċident daqskemm għall-konsegwenzi nefasti fuq saħħitha. Għalkemm hija tgħid li l-vettura misjuqa mill-imputata, sa fejn taf hi, ma kellhiex seat belt, l-imputata

xehdet u ġabet prova li tissodisfa lill-Qorti, sal-grad ta' probabbli li l-vettura kienet mgħammra b'seat belt fuq wara wkoll.

Il-Qorti jisgħob biha tinnota li hija prassi sfortunata f'Malta li għalkemm is-seat belt sar invarjabbilment jintlibes mill-maġġoranza tas-sewwieqa u l-passiġġieri bilqegħda fuq quddiem, l-istess ma jistax jingħad għal passiġġiera bilqegħda fuq wara tal-vettura. L-obbligu li jintlibes dan is-seatbelt qiegħed fuq il-passiġġier li jrid ukoll jieħu ħsieb ta' saħtu u l-inkolumnita tiegħu meta jkun riekeb f'vettura. F'dan il-każ il-Qorti hija soddisfatta sal-grad tal-probabbli li seat belt kien hemm, u li kieku Vella libsithu, il-konsegwenzi tal-inċident stradali li seħħ tort tal-imputata ma kienx ikollu impatt daqshekk negattiv fuq saħħet Vella. F'dan is-sens il-Qorti tqis li Vella ikkontribwiet mhux daqstant għall-inċident stradali daqskemm għall-konsegwenzi li segwew minnu.

## *DECIDE*

li wara li rat l-artikoli 226(1)(a)(c) u 328(b) tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll l-Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħda ssib lil Anna Ciappara ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontriha u

tikkundannaha għall-piena komplessiva ta' multa fl-ammont t'elf u ħames mitt euro (€1,500).

**Mogħtija illum id-9 jum ta' Novembru 2017 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.**

***Aaron M. Bugeja***

Sent/proċ reż somm/kont